# Dott. Paolo Nani u l-Antifoni tal-Madonna tal-Karmnu

## *Fl-okkażjoni tal-200 sena mit-twelid tiegħu*

**Dr. Mattia Felice**

*LL.B., LL.D.*

**Daħla**

Nistgħu ngħidu li flimkien mal-marċi brijużi u l-innijiet popolari, l-antifona tal-qaddis jew qaddisa hija s-*signature tune* tal-festa u għaldaqstant, hija parti integrali mill-identità tal-festa. F'dan l-artiklu ser naqsam tagħrif dwar l-illustri Dott. Paolo Nani – personaġġ illi ismu huwa bla dubju intimament marbut mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fis-Santwarju Bażilika tal-Patrijiet Karmelitani fil-Belt Valletta, sewwasew għax huwa l-artista wara l-antifoni tagħna.

Tajjeb li nsemmi li f'Novembru li għadda fakkarna l-mitejn sena anniversarju mit-twelid ta' Paolo Nani, għaldaqstant huwa xieraq illi fil-programm tal-festa ta' din is-sena, naqsmu kelmtejn ta' tagħrif dwaru għaliex wara kollox, għandna nkunu tassew kburin illi l-iżvilupp tal-*Cappella Nani* huwa direttament marbut mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.



Dott. Paolo Nani, il-kompożitur tal-Antifona Flos Carmeli

Il-kunjom Nani jiġbor taħtu waħda mill-aqwa familji ta' mużiċisti li rat Malta bejn is-Seklu 18 u s-Seklu 20. Ix-xogħol tagħhom jikkonstitwixxi dik li hija probabbilment waħda mill-akbar kollezzjonijet mużikali f'pajjiżna u tikkonsisti f'mużika ta' ħafna ġeneri – fosthom sagra, instrumentali u operistika. Il-kollezzjoni tinsab konservata fl-Arkivju tal-Mużew tal-Katidral Metropolitan fl-Imdina. L-esponenti ta' din il-familja illustri kienu Angelo Nani (1751-1844), Emmanuele Nani (1769-1860), Dott. Paolo Nani (1814-1904), Anton Nani (1842-1929) u Paul Nani (1906-1986). Wieħed ikun iġġustifikat jgħid illi Dott. Paolo Nani huwa wieħed mill-missirijiet tal-antifona festiva Maltija.

**Dott Paolo Nani[2]**

Paolo Nani huwa reputat fost l-aqwa kompożituri Maltin tas-Seklu Dsatax. Huwa twieled il-Belt Valletta fit-18 ta' Novembru 1814, iben Dott. Giuseppe u Caterina née Recau. Paolo kien in-neputi ta' Angelo Nani, li kien l-ewwel membru tad-dinastija Nani li stabilixxa ruħu f'Malta wara li telaq minn Venezja fl-1768. Huwa studja l-liġi fl-Università ta' Malta u ggradwa bħala Duttur tal-Liġi fl-1832. Fl-1834 iżżewweġ lill Maddalena née Cuschieri. Kellu żewġt itfal, fosthom Anton, li wkoll kiseb fama bħala kompożitur ta' kalibru għoli ħafna u suċċessur ta' missieru fit-tmexxija tal-*Cappella Nani*.[3]

Studja l-mużika ma' Don Giuseppe Burlò (1772-1856) u Emanuele Muscat (1790-1837) u wara, fl-1833, kompla l-istudji tiegħu

fil-konservatorju *San Pietro a Majella* f'Napli fejn kien taħt il-gwida ta' wħud mill-aqwa mużiċisti Taljani ta' dak iż-żmien – fosthom wieħed isemmi lill Nicola Antonio Zingarelli (1752-1837) u Francesco Ruggi (1767-1845). Huwa magħruf illi waqt li kien Napli, Nani kellu ħbiberija mal-kompożitur operistiku illustri Gaetano Donizetti (1797-1848) u li dan kien iżomm ix-xogħlijiet ta' Nani fi stima għolja.

Meta rritorna Malta fl-1839, Paolo Nani kien għadu relattivament ġdid għall-arena mużikali Maltija iżda hemm diversi fatturi li skont l-istudjuż Vella Bondin jistgħu jiġu meqjusa li għenu sabiex Nani ma damx wisq sa ma stabilixxa ruħu bħala *maestro di cappella* f'diversi knejjes Maltin – l-ewwel fosthom is-Santwarju Bażilika tal-Karmnu. Minbarra li l-antenati ta' Paolo Nani kienu diġà għamlu isem bħala mużiċisti ta' kalibru għoli, l-istess familja kienet ukoll stabbilita sew fil-qasam legali. Missier Paolo, Giuseppe, kien Avukat bi klijentela kbira filwaqt li zijuh Girolamo kien Nutar li kien jaqdi lill-patrijiet Karmelitani tal-Belt fil-bżonnijiet tagħhom.[4] Jista' jkun li din il-konnessjoni familjari għenet sabiex il-patrijiet fdaw it-tmexxijja tal-mużika tal-festa tal-1839 f'idejn Paolo Nani. Din kienet sewwasew l-ewwel kummissjoni kbira tiegħu. Kien sewwasew wara li għamel suċċess fil-festa Tal-Karmnu li l-Kapitlu ta' San Pawl Nawfragu għażel li jimxi fuq l-eżempju tal-patrijiet u huwa ukoll jaħtar lil Nani bħala *maestro di cappella*.

Jista' jingħad illi kien inbeda fenomenu ġdid fil-mużika sagra Maltija. Fl-epoka Romantika żviluppat prattika mużikali kemxejn partikolari f'Malta (u anke f'pajjiżi oħra, partikolarment fl-Italja) fejn bħal qisu sparixxiet id-distinzjoni stilistika bejn il-mużika sagra u dik profana. Paolo Nani kien katalist ta' dan il-fenomenu f'pajjiżna. Il-formazzjoni akkademika tiegħu fid-dinja operistika ta' Napli żgur kellha impatt fuqu u wasslitu biex ikollu parti daqstant eminenti fl-iżvilupp ta' dan il-ġeneru li effettivament żewweġ il-mużika liturġika mal-opra. Il-mużika ta' Nani kienet deskritta bħala mużika li hija rikka fil-melodija kif ukoll fl-orkestrazzjoni, speċjalment fejn jidħlu l-istrumenti tar-ramm.[5] Fil-fatt, il-fattur illi effettivament ddistingwa l-mużika ta' Paolo Nani minn dik ta' kompożituri Maltin li kienu diġà stabbiliti huwa l-użu liberali tiegħu tal-istrumenti tar-ramm – strumenti li qabel kellhom użu meqjus ħafna fil-mużika liturġika. Filwaqt li l-antifoni kienu ilhom jiġi mmużikati sa miż-żminijiet bikrija tal-kant Gregorjan, nistgħu ngħidu li f'Malta tas-seklu Dsatax kienu l-bieb li minnu l-opra daħlet fil-knejjes tagħna.

Minn dak iż-żmien 'il quddiem il-familja Nani flimkien ma' dik rivali Bugeja kellhom dominanza assoluta fuq il-mużika liturġika fil-Knejjes Maltin. B'mod tipiku għall-mentalità Maltija, madwar dawn l-istituzzjonijiet mużikali ma damux ma ntrabtu partiti b'rivalità kbira u li kellhom anke rabtiet ma' każini tal-baned ewlenin u affiljazzjonijiet politiċi.

Matul il-karriera twila tiegħu, Paolo Nani kien *maestro di cappella* ta' bosta knejjes Maltin. Skont sorsi storiċi, fl-aqwa tagħha, il-*Cappella*





Il-Partitura Oriġinali tal-Antifona Flos Carmeli li tindaqq il-Belt.

*Nani* kienet tipprovdi servizzi fi 'l fuq minn 20 knisja! Il-festa tal-Karmnu tal-Belt baqgħet dejjem f'idejn il-*Cappella Nani* sa ma din waqfet topera – jiġifieri għaddiet minn taħt idejn tliet surmastrijiet Nani: Dott. Paolo, Anton u Paul.

Minbarra l-impenji sagri tiegħu, Nani kien ukoll għalliem tal-mużika f'diversi skejjel lokali filwaqt li bejn l-1841 u l-1887 kien *maestro concertatore* (għalliem tal-kor) fit-Teatru Manoel u sussegwentament fit-Teatru Rjal. Paolo Nani kien kompożitur prolifiku, tant illi matul il-karriera tiegħu kiteb 'l fuq minn 250 xogħol. Tajjeb li jiġi rimarkat li fost dan in-numru kbir ta' kompożizzjonijiet, 11 biss huma sekulari. Huwa għadu sal-lum imfakkar l-aktar għall-antifoni tal-festi li l-għadd tagħhom jilħaq 35 – ewlenin fosthom *Sancte Paule* (1840), *Flos Carmeli* (1861), *Ego Sum/Sancti Angeli Custodes* (1875), *Spiritus Sanctus* (1875) u *Beata Mater* (1881).[6]

Paolo Nani miet fit-23 ta' Marzu 1904 u l-funeral tiegħu sar l-għada fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Huwa magħruf illi l-funeral tiegħu ġibed ħafna nies u kien jixhed il-popolarità li kien igawdi dan l-artist kbir. F'bijografija ppublikata fis-sena 1904 stess, Mons. Luigi Farrugia jiddeskrivi lil Nani bħala *'uno degli astri più fulgidi che splendettero nel cielo di Malta.'*[7]

**L-Antifoni Tal-Madonna Tal-Karmnu**
**Flos Carmeli**

It-test huwa *'Flos Carmeli, vitis florigera, splendor caeli, virgo puerpera singularis. Mater mitis sed viri nescia. Carmelitis da privilegia Stella Maris. Alleluia'* li bil-Malti jfisser 'Fjur tal-Karmelu, dielja bil-frott mgħobbija, dija tas-sema, xebba li waħdanija, b'ġieħ t'omm tiftaħar. Omm l-aktar ħelwa, li ġmielek qatt ma ttabba', lill-Karmelitani ħniena uri u mħabba, kewkba tal-baħar. Alleluja'. Din it-talba hija attribwita lil San Xmun Stock (ċirka 1165-1265), il-qaddis Karmelitan li rċieva l-Labtu mqaddes mingħand Sidtna Marija. Bħala punt ta' liturġija, tajjeb li jingħad illi l-*Flos Carmeli* mhux proprjament antifona iżda hija sekwenza.[8] Fil-fatt, fil-quddiesa solenni tal-festa, il-*Flos Carmeli* titkanta qabel il-qari tal-Evanġelju u mhux fl-aħħar tal-quddiesa skont il-prattika ġenerali fil-knejjes Maltin.

Paolo Nani kiteb xejn anqas minn ħames kompożizzjonijiet differenti fuq dan il-kliem għażiż. Fl-1838 kiteb verżjoni għall-forzi kemxejn modesti. Wieħed jista' jargumenta li in vista tal-fatt li Nani kien għadu qed jistabilixxi ruħu f'dak iż-żmien, huwa possibbli li huwa żamm lura biex b'hekk ma jkabbarx l-ispejjeż rikjesti għall-eżekuzzjoni tal-mużika ġdida tiegħu. Wieħed irid iqis illi bħal kull qasam ieħor, is-servizzi mużikali fil-Knejjes kellhom (u għad għandhom) il-konsiderazzjonijiet ekonomiċi tagħhom. L-ewwel *Flos Carmeli* ta' Paolo Nani hija fil-fatt miktuba għal vjolini primi u sekondi, flawt, klarinett, kornu u kuntrabaxx flimkien ma' kor b'erba' vuċijiet (soprani, alti, tenuri u baxxi). Wieħed jinnota l-assenza tal-vjola u dik kważi-totali tal-istrumenti tar-ramm illi tant kellhom isiru sinonimi mal-mużika ta' Nani. Huwa probabbli li Nani kiteb din l-antifona meta kien għadu Napli u li diġà kellu ħsieb jew ħjiel li malli jikkonkludi l-istudji tiegħu jimmira li jieħu taħt idejh il-mużika fil-Knisja Karmelitana tal-Belt.[9] Sfortunatament, din l-antifona m'għadiex tiġi eżegwita.

Verżjoni oħra hija dik miktuba fl-1844. B'differenza mix-xogħol aktar bikri, din l-antifona hija miktuba *per piena orchestra* u għaldaqstant, l-orkestrazzjoni hija waħda kbira li tinkludi ukoll l-istrumenti tar-ramm bħall-kurunetti, krumbuni u tuba. Din l-antifona hija tassew oriġinali u hija ta' stil kemxejn differenti mill-antifoni l-aktar magħrufa u popolari ta' Paolo Nani. Fuq il-partitura oriġinali hemm imħażżeż l-isem *'Notabile'* li jwassal għall-konklużjoni li huwa probabbli li din l-antifona kienet tiġi eżegwita fil-knisja tal-Karmelitani fl-Imdina. Illum il-ġurnata, din l-antifona għadha titgawda waqt il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fir-raba' Ħadd ta' Lulju.

Bla ebda dubju, l-aktar verżjoni magħrufa u apprezzata tal-*Flos Carmeli* hija dik li Paolo Nani kkompona fl-1861. Meta wieħed isemmi 'il-Flos Carmeli ta' Nani' żgur illi r-referenza tkun għal din il-kompożizzjoni – xogħol

grandjuż li huwa xhied tal-ġenjalità tal-kompożitur. L-orkestrazzjoni tinkludi vjolini primi u sekondi, vjola, flawt, ottavin (piccolo), żewġ klarinetti, żewġ korni, tliet trumbuni, ophicleide (strument tar-ramm b'ħoss jixbaħ dak ta' ewfonju iżda li llum huma kemxejn rari), kuntrabaxx u timpani. Hemm evidenza li maż-żmien ġieli ġew użati strumenti oħra, fosthom oboe u fagott, iżda dawn sempliċiment jirreplikaw il-parti ta' strument ieħor kif oriġinarjament fil-partitura. L-antifona hija miktuba esklussivament għall-vuċijiet maskili – kor magħmul minn tenuri primi u sekondi, baxxi kif ukoll baritonu obbligat. Il-baritonu solista huwa bla dubju ta' xejn il-protagonista f'dan ix-xogħol minħabba li l-ewwel parti tal-antifona hija solo filwaqt li fit-tieni parti, l-kor jalterna ma' passaġġi fuq is-solista sa ma' fl-aħħar dawn jingħaqdu f'replika tat-tema prinċipali. Id-drammatiċità ta' din l-antifona hija apparenti mill-ewwel ftit battuti u tippersevera sal-aħħar, bħalma hija ukoll apparenti r-rikkezza melodika tagħha flimkien mal-orkestrazzjoni florida. Dan ix-xogħol huwa konsiderevolment impenjattiv u jirrikjedi mużiċisti ta' ħila – speċjalment il-baritonu solista. Interessanti li wieħed jinnota illi l-partitura oriġinali tas-solista hija ffirmata minn uħud mill-kantanti li matul is-snin kellhom l-unur jinterpretaw is-solo.

Minbarra dawn it-tliet kompożizzjonijiet għall-kor u orkestra, Paolo Nani kiteb ukoll żewġ *Flos Carmeli* oħra għall-forzi żgħar ta' tliet vuċijiet maskili u orgni li huma ddedikati *'per i Reverendi Padri Carmelitani – Conventus Sancti Juliani'*. Wieħed minn dawn ix-xogħlijiet iġib id-data 1894 filwaqt li l-ieħor mhux datat. Ma jirriżultax illi dawn ix-xogħlijiet ġew eżegwiti riċentament.

## Caput Tuum

L-antifona *Caput Tuum* inkitbet fis-sena 1848 għall-forzi relattivament kbar. Minbarra l-istrument tal-korda u l-vuċijiet, il-partitura oriġinali tindika oboe, klarinett, żewġ flawti, żewġ korni, żewġ trombi u trumbun. F'din l-antifona, minflok il fanfarri tar-ramm, jispikka x-xogħol fin fuq l-istrumenti tal-fjat. Filwaqt illi din il-kompożizzjoni ma tistax tiġi pparagunata direttament ma' xogħlijiet aktar monumentali



Il-Partitura tal-Antifona Caput Tuum.

ta' Nani, bħal per eżempju l-antifona *Flos Carmeli* (1861) jew *Sancte Paule* (1840), xorta waħda jista' jingħad illi hija xogħol li jixhed il-kapaċità ta' min ikkomponiha speċjalment fejn jidħol id-don tal-melodija u l-arti tal-orkestrazzjoni. Meta wieħed jisma' din l-antifona żgur li jolqtuh il-passaġġi melodjużi li jalteraw mad-daħliet tal-kor.

Din l-antifona – bħall-maġġoranza tax-xogħlijiet l-oħra ta' Paolo Nani – għandha introduzzjoni strumentali fil-bidu tagħha qabel ma' jidħlu l-kantanti. Ġara li fil-prattika, din bdiet tinqata' barra biex b'hekk tibda bl-attakk tal-kantanti. Fil-partitura oriġinali, insibu li l-ismijiet tal-istrumenti reġgħu ġew miktuba bil-lapes fil-parti msemmijja minħabba li l-paġni tal-bidu oriġinali ġew infilzati.

It-test ta' din il-kompożizzjoni huwa *'Caput tuum ut Carmelus et comæ capitis tui sicut purpura; Regis juncta canalibus'* li bil-Malti jfisser 'Rasek xebbaħtha mal-Karmel, xagħar rasek donnu porpra; Is-Sultan baqa' maqbud fin-nokkli'. Huwa l-kliem tal-antifona tal-Magnificat tal-ewwel għasar tas-solennità tal-Madonna tal-Karmnu u huwa meħud mill-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet (kap.7, v.6), font ta' teoloġija Marjana.

## Għeluq

Għandna xorti li l-maġġoranza ta' dawn il-kapolavuri mużikali għadhom iżewwqu il-liturġija fil-Knejjes tagħna sal-ġurnata tal-lum. Il-*Flos Carmeli* (1861) – l-aktar waħda magħrufa fost il-kompożizzjonijiet 'karmelitani' ta' Paolo

Nani tiġi eżegwita waqt il-funzjonijiet liturġiċi tal-festa fis-Santwarju Bażilika fil-Belt Valletta kif ukoll fil-Parroċċa tal-Balluta. L-antifona *Caput Tuum* tiġi eżegwita waqt it-translazzjani tar-relikwja lejlet il-festa wkoll fil-Belt Valletta. Fortunatament, il-partituri oriġinali tax-xogħlijiet kollha diskussi f'dan l-artiklu jinsabu kkonservati u kkatalogati b'mod tassew tajjeb u professjonali bħala parti mill-Kollezzjoni Nani fl-Arkivji tal-Katidral Metropolitan fl-Imdina.

Hija ħaġa tassew tajba u xierqa li nipparteċipaw fil-funzjonijiet liturġiċi tal-festi tagħna l-ewwel nett sabiex nagħtu qima lil Alla u lil Sidtna Marija iżda wkoll sabiex ingawdu u nkunu parti minn dan il-patrimonju kulturali li writna mingħand missirijietna. Il-festa t-tajba.

*Ir-ritratti tal-partituri oriġinali huma riprodotti bil-ġentili permess tal-Kumitat tal-Arkivji tal-Katidral Metropolitan. L-awtur irodd ħajr lil Mons. Ġwann Azzopardi u lis-Sur Mario Gauci tal-assistenza ġentili tagħhom.*

**Referenzi**

[1] Joseph Vella Bondin, *Il-Mużika ta' Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin*, Kullana Kulturali Nru.19 (Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2000) p31

[2] Informazzjoni bijografika misluta minn:- Carmen Attard, *Five Generations of Nani Musicians* (Teżi B.Ed (Hons), Università ta' Malta, 1986); Mons. Luigi Farrugia, *Del Maestro Dott. Paolo Nani: Brevi Parole* (Tipografia Giuseppe Abela, Malta, 1904); Michael J. Schiavone, *Dictionary of Maltese Biographies*, vol II (Publikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2009); Joseph Vella Bondin, *Op. Cit.*

[3] Il-mużika ta' Anton Nani hija wkoll sinonima mal-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Belt Valletta. Fost ix-xogħlijiet tiegħu li jiġu eżegwiti matul il-funzjonijiet liturġici wieħed isemmi l-famuż *Laudate Pueri* (1882) u l-Introjtu *Quam pulchra sunt* (li iżda kien oriġinalment kompost għall-festa ta' San Pawl Nawfragu fl-1909 fuq il-kliem *Populus qui ambulabat*).

[4] Joseph Vella Bondin, *Op. Cit.*, p20

[5] *Ibid.*, p28

[6] Ġwann Azzopardi et al, *The Nani composers (XVIII-XX cent.): a historical assessment and a catalogue of their works* (Hill Monastic Manuscript Library, Minnesota, Stati Uniti, 2007)

[7] Mons. Luigi Farrugia, *Op. Cit.* [waħda mill-isbaħ kwiekeb li qatt iddew fis-sema Malti]

[8] Madankollu, għal skopijiet ta' kjarezza, f'dan l-artiklu xorta ser issir referenza għaliha bħala antifona kif fil-fatt hija popolarment magħrufa.

[9] Kien sewwasew fl-1839, sena wara li kiteb din l-antifona, illi Paolo Nani ġie nkarigat bħala *maestro di cappella* fil-Knisja Karmelitana tal-Belt.

[10] Studju tal-partitura oriġinali mil-awtur. 'Għall-orkestra sħiħa'.

[11] Studju tal-partitura oriġinali mil-awtur.

[12] Per eżempju ġieli ndaqq oboe flimkien mall-flawti u parti ta' wieħed mit-trumbuni ġieli ndaqqet minn fagott. Fil-prattika moderna, dejjem jintuża vjolinċell flimkien mall-kuntrabaxx kif ukoll tuba.

[13] Madankollu, fil-preżent qed jiżdiedu ukoll vuċijiet femminili.

[14] Studju tal-partitura oriġinali mil-awtur. 'Għar-Reverendi Patrijiet Karmelitani – Kunvent ta' San Ġiljan (Balluta)'.

[15] Studju tal-partitura oriġinali mil-awtur. In-norma hija li l-ismijiet tal-istrumenti jinkitbu b'mod sħiħ darba fil-bidu nett tal-kompożizzjoni. Minħabba l-qtugħ li beda jsir, dawn reġgħu nkitbu bil-lapes fil-parti li effettivament saret il-bidu.

Mario
MC
Carabott Ltd.
Jewellers
53/54 High Street, Ħamrun
Tel: 2124 0511 Fax: 2124 0576